# Minuti tal-422 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 23 t'Ottubru, 2013

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Brian Spiteri.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius daħal għal-laqgħa fs-6.10 ta' filgħaxija.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.

Is-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-421 laqgħa.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa min kien ħareġ il-permessi tal-gabbani matul il-ġranet tal-festa fi Triq il-Kbira.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-permessi tal-gabbani fi Triq il-Kbira kienet ħarġithom is-Sinjorina MaryRose Caruana fuq struzzjonijiet tas-Sindku.

Is-Sindku ċaħad illi s-Sinjorina Caruana kkonsultat miegħu u qal illi qatt ma kien konxju dwar il-permess li nħareġ għall-bejjiegħ fi Triq il-Kbira. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill talabx lill-Pulizija jgħidulu jekk sarx infurzar tal-liġi matul il-ġranet tal-festa mas-sidien tal-gabbani li ramaw.

Is-Segretarju qal illi l-permessi tal-gabbani fi Triq il-Kbira kienu nħarġu mill-Kunsill u l-Pulizija kellhom kull fakultà jitolbu li jaraw il-permessi maħruġa mill-Kunsill lill-bejjiegħa. Barra minn hekk l-impjegata tal-Kunsill Mary Rose Caruana marret personalment l-għassa biex tara jekk il-Pulizija għandhomx bżonn kopja għalihom tal-permessi u t-tweġiba li ngħatat kienet li m'għandhomx bżonn kopja tagħhom peress illi jekk ikun hemm il-ħtieġa dawn jintalbu lill-bejjiegħa.

Is-Sur Spiteri talab sabiex is-sena d-dieħla permessi tal-gabbani tal-ikel jinħarġu biss fi Triq tal-Labour kif kien miftiehem mal-Kappillan u mal-każini tal-baned.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx ġiet sottomessa l-applikazzjoni sabiex isir ħajt mad-dawra tal-Masġar taż-Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sindku talab sabiex sal-ġimgħa d-dieħla ikunu lesti l-pjanti mill-perit tal-Kunsill u tiġi sottomessa l-applikazzjoni sabiex isir il-ħajt tas-sejjiegħ, ic-*cycling lane* u l-*jogging lane* mad-dawra tal-Masġar.

Fis-6.15 is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk it-tabelli li kienu qed jitwaħħlu fi Triq iċ-Ċulqana u fl-inħawi tal-madwar kienux qed isiru minħabba xogħol relatat ma' Triq l-Inkurunazzjoni. Is-Joseph Agius qal li dawn kienu qed isiru minħabba x-xogħol li ser isir mill-Enemalta.

Is-Sur Bonnici talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Alessio Erardi peress illi dan ix-xogħol baqa' ma sarx minħabba xogħol ieħor delegat mis-Sindku. Is-Sindku qal li l-bankina ta' Triq Alessio Erardi kienet għada ma saritx peress illi fil-ġranet li għaddew il-ħaddiem tal-*IPSL* kien qed jagħmel bankina fi Triq Salvu Astarita. Is-Sindku qal li l-bankina ta' Triq Alessio Erardi hija skedata li ssir fil-futur viċin.

Is-Sur Bonnici qal li l-*item* dwar il-proċess tal-ġbir u separazzjoni tal-iskart kif ukoll il-proposta sabiex nhar ta' tlieta tinġabar biss il-borża tar-reċiklaġġ ma kienetx fl-agenda tal-laqgħa kif ġie miftiehem li jsir fil-laqgħa ta' qabel. Is-Sindku qal li dan l-*item* dwar il-proċess tal-ġbir u separazzjoni tal-iskart kienet ser tiġi diskussa iktar tard fil-laqgħa.

Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar dak li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti dwar l-attività ta' *story telling* għat-tfal. Is-Sur Joseph Vella qal illi kien ser jitkellem mas-Sinjura Calleja dwar din l-attività. Is-Sur Spiteri semma l-possibilità li jiġu organizzati gruppi ta' *story telling* minn volontiera. Is-Sindku talab li ssir diskussjoni bejn is-Sur Vella u s-Sinjura Calleja sabiex fil-laqgħa li jmiss iressqu l-proposti sabiex jiġu organizzati l-*story telling.*

Is-Sur John J Pace informa lill-Kunsill illi t-tilqim ta' kontra l-influwenza kien ser jibda jsir minn nhar it-Tnejn, 28 ta' Ottubru sa l-1 ta' Novembru, 2013 bejn id-disgħa ta' filgħodu u s-siegħa ta' wara nofsinhar.

Item 4 – Skeda tal-Pagamenti - Approvazzjoni

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ix-*schedule of payments* għall-perjodu 10 t' Ottubru sat-23 ta' Ottubru, 2013.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk l-għaqdiet Żabbarin kienux ħadu iktar flus barra dawk imnizzla fix-*schedule of payments*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kull ħlas li jsir ikun imniżżel fis-*schedule of payments*. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu 10 t' Ottubru sat-23 t' Ottubru 2013 li kien jammonta għal €25,874.06.

Item 5 – Mozzjoni għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13

Is-Sindku qal illi kif kulħadd jaf il-Kunsill qiegħed b'nuqqas ta' *staff* u għalhekk ippropona li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex isir ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) mal-Kunsill.

Is-Sindku semma l-proċess li jrid isir għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv u ppropona li jintalab il-permess tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ biex issir sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 biex wara jibda l-proċess billi tinħareġ sejħa interna mal-Kunsilli Lokali kollha. Is-Sur Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Is-Sur Buttigieg staqsa x'kien ġara dwar s-sejħa għall-kariga ta' *Assistant Principal Officer.*

Is-Sindku qal li għal issa nistennew li terġa' tiġi lura s-Sinjura Isabelle Testaferrata de Noto peress illi l-Kunsill m' għandux allokazzjoni biżżejjed sabiex iħallas iktar salarji. Is-Sindku qal li ġiet diskussa l-problema ta' allokazzjoni tal-kunsilli waqt laqgħa tas-Sindki.

Is-Sur Spiteri ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u jitlob spjegazzjoni ta' kif ittieħdet id-deċiżjoni li s-Sinjura Testaferrata de Noto tintbgħat Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill tal-Birgu mingħajr konsultazzjoni tal-Kunsill meta s-Sinjura Testaferrata de Noto hija mpjegata tal-Kunsill u mhux taċ-Ċivil. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Spiteri u l-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward.

Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – (Skala 13)

Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament illi l-Bord tal-Għażla ikun kompost mis-Sindku, mis-Sur Joseph Vella, mis-Sur Marc Vella Bonnici u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Buttigieg ikun ukoll membru fil-Bord tal-Għażla. Il-Kunsill qabel

unanimament ma' din il-proposta u li l-Bord tal-Għażla wara li jagħmel l-intervisti lill-applikanti jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi skala 13.

Item 6 – Korrispondenza

Inqara rapport li l-Kunsill kien irċieva mingħand is-Sur Emanuel Pulis dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Bormla, fejn is-sewwieq talab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu liema ħsara tammonta għal €98.00. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident.

Fis-6.40 is-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill illi s-Sur Louis Scerri u s-Sur Brandon Luke Meilaq bdew jaħdmu mal-Kunsill taħt l-iskema *Community Work Scheme*.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ġew assenjati wkoll żewġ priġunieri mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li qed jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex dawn iż-żewġ persuni jingħataw ħobża kuljum peress illi ma jingħatawx ikel matul il-ġurnata tax-xogħol volontarju li qed jagħtu lill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista' jipprovdi *lunch* għall-ħaddiema tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin matul il-ġurnata tax-xogħol.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Malta Innovation Awards* 2013 fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar it-tnedieja tal-*Malta Innovation Awards*.

Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mis-Sur Matthew Spiteri dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq iċ-Ċawsli, fejn is-sewwieq talab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu liema ħsara tammonta għal €121. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Wasteserv dwar regoli għad-dħul fis-sit u dwar il-ġestjoni tal-iskart fil-kumpless tal-Magħtab.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda *CareMalta* dwar in-nominazzjonijiet għall-Premju Nazzareno Vassallo li ser jagħlqu nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2013. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinkdu, il-Kunsill qabel unanimament li jipproponi lis-Sinjura Raffaela Farrugia sabiex tiġi nnominata għall-Premju Nazzareno Vassallo.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Claranne Micallef, lecturer l-MCAST fejn staqsiet jekk il-Kunsill hux interessat jagħti *job experience* lill-istudenti b'diżabilità intellettwali li qed jattendu kors l-MCAST. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti *job experience* lil studenta li qed tattendi dan il-kors.

Item 7 – Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qal li kien ġie avviċinat sabiex il-Kunsill jorganizza *tournament* flimkien maż-Żabbar Boċċi *Club* u li jippremja lir-rebbieħa.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza dan it-*tournament* flimkien ma' dan il-klabb.

Item 8 – Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa kien għadda l-komunikazzjoni tiegħu lill-Kunsilliera permezz ta' korrispondenza.

Item 9 – Komunikazzjoni mill-Kunsillieri

Is-Sur Buttigieg qal illi fid-29 t' Ottubru kien ser jiġi grupp ta' anzjani mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Is-Sur Buttigieg qal illi fis-7 ta' Novembru kien ser jorganizza quddiesa b'sufraġju għall-mejtin Żabbarin.

Is-Sur Buttigieg qal illi kien hemm ħafna qsari li huma fir-responsabbilità tal-*Environmental Landscapes Consortium Ltd* li jinħtieġu manutenzjoni. Is-Sur Buttigieg qal li meta jkun r-riħ l-qasrija li hemm fil-parti ta' fuq ta' Misraħ il-Madonna Medjatriċi tispiċċa f'nofs tat-triq.

Is-Sinjura Calleja qalet li s-*soft area* li hemm fi Triq ix-Xgħajra quddiem Baron Confectionery m'hix miżmuma tajjeb u għandha bżonn titnaddaf.

Is-Sur Buttigieg staqsa meta kien ser jitwaħħal l-*ornamental pole* li nqala' minn Triq tal-Labour fil-viċinanzi tas-*Southern Fried Chicken*. Is-Sindku qal li l-*ornamental pole* kien ser jitwaħħal f'qasir żmien.

Is-Sur Buttigieg qal li hemm problema fid-dawl taż-*zebra crossing* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi maġenb il-monument tal-Gwerra peress illi kien qed jintefa' id-dawl hekk kif tixgħel iż-*zebra crossing*. Is-Sur Buttigieg qal ukoll illi l-*fittings* tad-dawl ta maz-zebra crossing imkissrin u n nuqqas ta' dawl qed joħloq periklu.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir bozza ġdida fi Triq Ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex il-Kunsill jitlob lil Maltapost sabiex titwaħħal kaxxa tal-ittri fil-*Housing Estate*.

Is-Sur Grech qal li diġa kienet diskussa t-talba li titwaħħal kaxxa tal-ittri fil-*Housing Estate*, iżda l-Maltapost kienet infurmat lill-Kunsill illi Ħaż-Żabbar kien hemm biżżejjed kaxxi tal-ittri. Is-Sindku qal li qed tiġi kkunsidrata l-possibilità li jiġu xxiftjati xi kaxxi tal-ittri l-aktar dawk l-anqas użati bħal dik ta' Triq il-Marloċċ.

Is-Sinjura Calleja qalet li hemm proġett tal-LEAP ffinanzjat mill-EU dwar solidarjeta soċjali li jgħinu nies vulnerabbli. Is-Sinjura Calleja pproponiet li l-Kunsill jifforma *network* bejn il-Kunsilli, għaqdiet u NGOs u jiġu identifikati n-nies vulnerabbli sabiex jintbgħatu f'ċentri apposta. Is-Sinjura Calleja qalet li kienet ser tintbgħat korrispondenza dwar dan il-proġett. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li jgħin biex jinħoloq dan in-*network*.

Is-Sur Bonnici qal illi kienet saret laqgħa mal-kumpanija. *Environmental Landscapes Consortium Ltd* u ġew diskussi l-problemi eżistenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li matul il-laqgħa ssemmiet il-ħtieġa li ssir tisqija u manutenzjoni tal-pjanti u tas-siġar aktar ta' spiss u li jkun hemm ħaddiem ieħor assenjat mal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt li għandu għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2012) mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Limited*.

Is-Sur Joseph Agius qal li viċin il-*pitch* tal-Bocci ta' St Peter's hemm siġra li għandha bżonn tinżabar.

Is-Sur Bonnici qal li fi Triq il-Luq kien intefa' terrapien f'*soft area*. Is-Sur Bonnici qal li fil-viċinanzi ta' din is-*soft area* kien sar xi xogħol ta' kostruzzjoni.

Is-Sur Bonnici ssuġġerixxa li nhar ta' Tlieta ma tibqax tinġabar il-borża tal-iskart bħalma jsir f'lokalitajiet oħrajn.

Is-Sur Buttigieg qal illi ħafna nies kienu qed jiġu l-Kunsill għall-borża l-griża iżda l-Kunsill m'għandux aktar boroż. Is-Sur Bonnici qal li l-kumpanija *Greenpak* kellhom iduru f'kull dar u jqassmu l-boroż il-griżi iżda l-Kunsill kien għadu ma awtorizzax il-*Greenpak* iqassam il-boroż tal-iskart separat.

Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-*Greenpak* u jiġi diskuss kif ser jiġi mfassal pjan biex nhar ta' Tlieta tibda tinġabar biss il-borża l-griża tal-iskart separat.

Is-Sur Grech talab sabiex il-proċeduri li ma tinġabarx il-borża s-sewda nhar ta' Tlieta ssir ma' Ħaż-Żabbar kollu u mhux f'ċertu żoni biss.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li wara li jsiru d-diskussjonjiet ma' dawk kollha nvoluti, nhar ta' Tlieta tinġabar il-borża tal-iskart separat biss.

Is-Sur Bonnici talab sabiex jitwaħħlu *dustbins* fil-*Housing Estate.*

Is-Sindku talab sabiex jiġu nstallati *dustbins* fi Triq tal-Labour u fi Triq il-Mina ta' Ħompesch. Is-Sindku talab wkoll sabiex jiġu mmarkati il-metri fil-*walk trail* sabiex min ikun qed jimxi jew jiġġoggja jkun jaf kemm għamel metri jew kemm qed jaħli kaloriji.

Is-Sur Bonnici qal li fis-7 ta' Diċembru ser issir il-laqgħa plenarja għas-Sindki, Viċi-Sindki u l-Kunsillieri.

Is-Sur Grech talab sabiex tiġi installata bozza ġdida fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq tal-Ħofra, bozza ġdida fi Triq iż-Żabra mar-residenza 'Little Rose', bozza ġdida fi Triq l-Istellarju fil-viċinanzi tar-residenza 'Emerald' u bozza ġdida fi Triq is-Saqwi mar-residenza 'Aloha'. Il-Viċi-Sindku ssekonda lis-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħlu dawn il-bozoz.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex titwaħħal kaxxi tal-ittri fil-Qasam tad-Djar.

Is-Sur Joseph Agius issuġerixxa li ssir *road hump* fi Triq Ġanni Bonavia.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi estiża l-bankina biex isservi sabiex ma jibqux jidħlu vetturi o*ne way* minn ħdejn il-każin tal-football għall-venda.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex issir *reserved parking bay* għall-persuni b'diżabilità fil-viċinanzi tal-iskola Primarja A u oħra viċin l-iskola Primarja B. Is-Sur Mark Grech issekonda l-proposta tas-Sur Vella u l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill japplika għal dawn ir-*reserved parking bays.*

Is-Sur Vella talab sabiex il-Kunsill iżomm *log book* tal-vann tal-Kunsill. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Vella u l-Kunsill qabel unanimament li jinżamm *log book* tal-vann tal-Kunsill.

Is-Sur Vella semma l-inizzjattiva 'Ewropa fuq ir-Roti' fejn grupp ta' iktar minn madwar 50 persuna jżuru siti li ġew imsebbħa mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Vella semma l-possibilità li l-Kunsill iħajjar grupp ta' persuni jipparteċipaw.

Is-Sindku ppropona li jsiru posters fil-bandli li juru l-proġett ta' titjib li ser isir sabiex il-pubbliku jkun jaf ir-raġuni għaliex tneħħew xi bandli minn Ġnien il-Kunsill. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li kien ser jorganizza laqgħa mal-Kumpanija TCTC sabiex jerġgħu jiġu organizzati korsijiet ġodda tal-kompjuter.

Is-Sindku qal li l-Grupp Armar tal-Festa ser jorganizza quddiesa bħala parti mill-inizzjattivi biex titqajjem kuxjenza dwar il-faqar fin nofs in-nhar ta' Malta.  Din il-quddiesa ser issir fil-15 ta' Diċembru 2013.  Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill joħroġ b'inizjattivi sabiex jinġabru fondi għal din l-attività.  Is-Sur Pace issuġġerixxa li jsir programm ta *street carol singing* fit-toroq tal-lokalita'.

Is-Sur Spiteri qal li din l-inizzjattiva tista' ssir mal-attivitajiet maħsuba għas-sidien tal-ħwienet li qed jiġu ppjanati biex isiru għal żmien il-Milied.

Is-Sur Vella staqsa jekk kienx ser isir tiżjien tal-Milied fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar.  Is-Sur Spiteri qal li kien qed ikollu laqgħat bil-għan li din is-sena jerġa jsir it-tiżjin fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar.

Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li ssir eżebizzjoni tal-armi.

Is-Sindku ppropona li tinħareġ is-sejħa għall-offerti sabiex jinbeda x-xogħol f'Misraħ is-Sliem.  Il-Viċi-Sindku ssekonda u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ is-sejħa għall-offerti u li tintalab uffiċjalment id-devoluzzjoni tax-xelter.

Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa urġenti mal-Perit u jiġi diskuss ix-xogħol li ser isir fix-Xelter tal-Misraħ.  Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li għal-laqgħa mal-Perit jattendu is-Sindku, is-Sur Spiteri, is-Sur Bonnici u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Pace qal li fuq inizzjattiva tal-Ministeru għall-Kultura kienet ser tiġi organizzata attività fejn tlett kitarristi u żewġ għanneja kienu ser jipparteċipaw f'attivita' barra minn Malta.  Is-Sur Pace qal li din l-attività ma kienetx tinvolvi spejjeż lill-Kunsill.

Is-Sindku ppropona li ssir kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal tal-iskola minn *Year 1 sa Year 6* u l-Kunsill jagħżel l-isbaħ tpinġija sabiex ikunu stampati fuq il-kartolini tal-Milied.  Is-Sur Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-korsijiet tat-taħriġ fl-informatika fil-laqgħa li jmiss.

Il-Viċi-Sindku qal li żviluppat ħsara fis-servizz tal-ilma fil-bitħa taċ-Ċentru Ċiviku u għaldaqstant ser ikun qed isir xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex issir din it-tiswija.

Item 10 – Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fis-7.50 ta' filgħaxija u l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2013.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-423 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2013.

Quinton Scerri
Sindku